MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 147/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti appremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u tlieta u tmenin (1983) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Andre Farrugia tat-tmienja (8) ta' Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) (Ara Dok B anness);

Ilil m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stanta illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin,

illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra l-esponenti ffurma rabtiet ma persuni ohrajn/familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut u dana a tenur tal-klawsola 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dokument B anness);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi huwa minnu illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba' snin u li huma sseparaw bonarjament b'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dr Andre Farrugia tat-8 ta' Gunju, 2006;
2. Illi huwa wkoll minnu illi l-partijiet kienu rrinunzjaw definittivament ghad-dritt ta' manentiment ai termini tal-Artikolu 4 tal-imsemmi att u l-partijet irrinunzjaw mid-drittijiet successorji fil-konfront ta' xulxin;
3. Illi huma m'ghandhomx tfal minuri bid-dritt li jircievu l-manteniment;
4. Illi huwa minnu wkoll illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
5. Illi huwa wkoll minnu illi jezistu l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili;
6. Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba kif dedotta, minghajr pero' ma ghandha tbati l-ispejjez;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;

Semghet lir-rikorrenti jixhed;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi huwa ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Gunju 2006;

Illi huwa ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut a tenur tal-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------